SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

8 ta' Mejju 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva (UE) 2016/1919 – Għajnuna legali – Direttiva 2013/48/UE – Dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fil-kuntest tal-proċeduri kriminali – Garanziji proċedurali għal persuni vulnerabbli – Determinazzjoni tal-vulnerabilità ta' dawn il-persuni – Assenza ta' preżunzjoni legali – Effett dirett – Interrogazzjoni ta' persuna ssuspettata fin-nuqqas ta' avukat – Ammissibbiltà tal-provi miksuba bi ksur tad-drittijiet proċedurali"

Fil-Kawża C-530/23 [Barało] [i],

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sąd Rejonowy we Włocławku (il-Qorti Distrettwali ta' Włocławek, il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Awwissu 2023, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-17 ta' Awwissu 2023, fi proċeduri kriminali kontra

K.P.,

fil-preżenza ta':

Prokurator Rejonowy we Włocławku

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn K. Jürimäe (Relatriċi), Presidenta tal-Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Imħallef tat-Tieni Awla, M. Gavalec, Z. Csehi u F. Schalin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: T. Ćapeta,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Prokurator Rejonowy we Włocławku, minn T. Rutkowska-Szmydyńska,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, T. Suchá u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Hottiaux u M. Wasmeier, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2024,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni:

– tal-Artikolu 6(1) sa (3) u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE;

– tal-Artikoli 4 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta");

– tal-Artikolu 1(2), tal-Artikolu 2(1)(b), tal-Artikolu 4(5) kif ukoll tal-Artikoli 8 u 9 tad-Direttiva (UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew(ĠU 2016, L 297, p. 1, rettifika fil-ĠU 2017, L 91, p. 40).

– tal-Artikolu 3(2)(a) sa (c) u tal-Artikolu 3(a) u (b) tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà (ĠU 2013, L 294, p. 1);

– tal-punti 6, 7, 11 u 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (2013/C 378/02) tas-27 ta' Novembru 2013 dwar is-salvagwardji proċedurali għall-persuni vulnerabbli suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU 2013, C 378, p. 8, iktar 'il quddiem ir-"Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni"), kif ukoll

– tal-prinċipji ta' supremazija, ta' effettività u ta' effett dirett tad-dritt tal-Unjoni.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija kontra K.P. għal, minn naħa, il-pussess ta' drogi narkotiċi u ta' sustanzi psikotropiċi u, min-naħa l-oħra, is-sewqan taħt l-effett ta' drogi narkotiċi.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt internazzjonali

3 Il-punti 23 u 32 tal-Prinċipji u l-Linji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Aċċess għall-Assistenza Legali fis-Sistema tal-Ġustizzja Kriminali, adottati fl-20 ta' Diċembru 2012 permezz tar-Riżoluzzjoni 67/187 tal-Assemblea Ġenerali, huma fformulati kif ġej:

"23. Hija r-responsabbiltà tal-pulizija, tal-prosekuturi u tal-imħallfin li jiżguraw li l-persuni li jidhru quddiemhom li ma jkollhomx il-mezzi biex iħallsu avukat u/jew li jkunu vulnerabbli jirċievu assistenza legali.

[…]

32. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri speċjali biex jiġi żgurat li l-assistenza legali tkun verament aċċessibbli għan-nisa, għat-tfal u għall-gruppi bi bżonnijiet partikolari, b'mod partikolari, iżda mhux esklużivament, […] il-morda mentali [u] l-persuni li jużaw id-droga […]. Dawn il-miżuri għandhom iqisu l-bżonnijiet partikolari ta' dawn il-gruppi u għandhom ikunu adatti għas-sess u għall-età."

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2013/48

4 Skont il-premessi 50 u 51 tad-Direttiva 2013/48:

"(50) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-valutazzjoni ta' stqarrijiet magħmulin minn persuni suspettati jew akkużati jew tal-provi miksuba bi ksur tad-dritt tagħhom għal avukat jew f'każijiet fejn kienet awtorizzata deroga minn dak id-dritt f'konformità ma' din id-Direttiva, iridu jiġu rispettati d-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedimenti. F'dan il-kuntest, għandu jittieħed kont tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li stabbilixxiet li d-drittijiet tad-difiża ikunu, fil-prinċipju preġudikati b'mod irreparabbli meta jintużaw għal kundanna stqarrijiet inkriminanti matul interrogazzjoni mill-pulizija mingħajr aċċess għas-servizzi ta' avukat jintużaw biex xi ħadd jinsab ħati. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-użu ta' stqarrijiet għal finijiet oħra permessi bil-liġi nazzjonali, bħal ma hi l-ħtieġa għal eżekuzzjoni ta' atti investigattivi urġenti biex jiġi evitat it-twettiq ta' reati oħra jew konsegwenzi negattivi serji għal kwalunkwe persuna jew b'rabta ma' ħtieġa urġenti li jiġi evitat li l-proċedimenti kriminalijiġu pperikolati b'mod sostanzjali fejn l-aċċess għas-servizzi ta' avukat jew id-dewmien fl-investigazzjoni jippreġudikaw b'mod irrimedjabbli l-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin fir-rigward ta' reat kriminali gravi. Barra minn hekk, dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli jew is-sistemi nazzjonali dwar l-ammissibbiltà ta' provi, u ma għandux jimpedixxi lill-Istati Membri milli jżommu sistema li permezz tagħha l-provi eżistenti kollha jistgħu jinġiebu quddiem qorti jew imħallef, mingħajr ma jkun hemm valutazzjoni separata jew minn qabel dwar l-ammissibbiltà ta' dawk il-provi.

(51) Id-dmir ta' kura [li tingħata attenzjoni partikolari] għal [lill-]persuni suspettati jew akkużati li jinsabu f'pożizzjoni potenzjalment dgħajfa jirfed l-amministrazzjoni ġusta tal-ġustizzja. Il-prosekuzzjoni, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandhom għalhekk jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv minn tali persuni tad-drittijiet previsti f'din id-Direttiva, pereżempju billi jieħdu kont ta' kwalunkwe vulnerabbiltà potenzjali li taffettwa l-abbiltà tagħhom li jeżerċitaw id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà tagħhom, u billi jieħdu passi adatti biex jiżguraw li dawk id-drittijiet huma garantiti."

5 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni" jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu li:

"Din id-Direttiva tapplika għal persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali mill-mument meta dawn jiġu infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, b'notifika uffiċjali jew b'mod ieħor, li huma suspettati jew akkużati li jkunu wettqu reat kriminali, u irrispettivament minn jekk ikunux miċħuda mil-libertà. Din tapplika sal-konklużjoni tal-proċedimenti, li huwa mifhum li tfisser id-determinazzjoni finali tal-kwistjoni jekk il-persuna suspettata jew akkużata tkunx wettqet ir-reat, inkuż fejn applikabbli, l-għoti ta' sentenza u r-riżoluzzjoni ta' kwalunkwe appell".

6 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d-drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.

2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:

(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;

(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;

(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;

(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.

3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:

(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;

(b) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;

[…]"

7 L-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Rimedji", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali, kif ukoll persuni rikjesti fi proċedimenti relatati mal-mandat ta' arrest Ewropew ikollhom rimedju effettiv skont il-liġi nazzjonali f'każ fejn ikun hemm ksur tad-drittijiet skont din id-Direttiva.

2. Mingħajr preġudizzju għar-regoli u s-sistemi nazzjonali dwar l-ammissibbiltà ta' provi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi proċedimenti kriminali, fil-valutazzjoni ta' stqarrijiet magħmulin minn persuni suspettati jew akkużati jew ta' provi miksuba permezz ta' ksur tad-dritt tagħhom għal avukat jew f'każijiet fejn tkun ġiet awtorizzata deroga għal dan id-dritt f'konformità mal-Artikolu 3(6), id-drittijiet tad-difiża u l-ekwità tal-proċedimenti jiġu rispettati."

8 Skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2013/48:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva jittieħed kont tal-bżonnijiet partikolari ta' persuni suspettati u akkużati li huma vulnerabbli."

Id-Direttiva 2016/1919

9 Il-premessi 1, 3, 4, 6, 17 sa 19, 23 sa 24 tad-Direttiva 2016/1919 jistipulaw:

"(1) L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiġi żgurata l-effikaċja tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat kif previst fid-[Direttiva 2013/48] billi titqiegħed l-assistenza ta' avukat imħallas mill-Istati Membri għad-dispożizzjoni ta' persuni ssuspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali […].

[…]

(3) It-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 tal-[Karta jistabbilixxi] id-dritt għal għajnuna legali fi proċedimenti kriminali skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'[din id-dispożizzjoni]. […]

(4) Fit-30 ta' Novembru 2009, il-Kunsill [tal-Unjoni Ewropea] adotta Riżoluzzjoni dwar Pjan Direzzjonali għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni ssuspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali [(ĠU 2009, C 295, p. 1)] ("il-Pjan Direzzjonali"). Permezz ta' approċċ gradwali, il-Pjan Direzzjonali jappella għall-adozzjoni ta' miżuri rigward id-dritt għat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni (miżura A), id-dritt għall-informazzjoni dwar id-drittijiet u l-informazzjoni dwar l-akkużi (miżura B), id-dritt għall-parir legali u l-għajnuna legali (miżura C), id-dritt li persuna tikkomunika mal-qraba, ma' min iħaddem u mal-awtoritajiet konsulari (miżura D), u garanziji speċjali għal persuni ssuspettati jew akkużati li jkunu vulnerabbli (miżura E).

[…]

(6) Ħames miżuri dwar id-drittijiet proċedurali fi proċedimenti kriminali ġew adottati s'issa skont il-Pjan Direzzjonali, speċifikament [id-Direttiva 2010/64/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU 2010, L 280, p. 1), id-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (ĠU 2012, L 142, p. 1), id-Direttiva 2013/48/UE, id-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1), u Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 132, p. 1)].

[…]

(17) Skont l-Artikolu 6(3)(c) tal-[Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), il-persuni ssuspettati jew akkużati li ma jkollhomx biżżejjed riżorsi biex iħallsu għall-assistenza ta' avukat għandu jkollhom id-dritt għal għajnuna legali meta l-interessi tal-ġustizzja jirrikjedu dan. Din ir-regola minima tippermetti li l-Istati Membri japplikaw test tal-mezzi, test tal-mertu jew it-tnejn li huma. L-applikazzjoni ta' dawk it-testijiet m'għandhiex tintroduċi limiti għal, jew derogi minn, id-drittijiet jew il-garanziji proċedurali li huma żgurati mill-Karta u l-KEDB, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-[Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem].

(18) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu arranġamenti prattiċi fir-rigward tal-għoti ta' għajnuna legali. Tali arranġamenti jistgħu jistabbilixxu li l-għajnuna legali tingħata b'segwitu għal talba minn persuna ssuspettata, persuna akkużata jew persuna rikjesta. Minħabba, b'mod partikolari, il-ħtiġijiet ta' persuni vulnerabbli, tali talba m'għandhiex, madankollu, tkun kundizzjoni sostantiva għall-għoti tal-għajnuna legali.

(19) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu għajnuna legali mingħajr dewmien żejjed u sa mhux aktar tard mill-interrogazzjoni tal-persuna kkonċernata mill-pulizija, minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew minn awtorità ġudizzjarja, jew qabel l-atti investigattivi jew l-atti ta' ġbir ta' provi speċifiċi msemmija f'din id-Direttiva jitwettqu. Jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux jistgħu jagħmlu dan, huma għandhom mill-inqas jagħtu għajnuna legali urġenti jew proviżorja qabel ma jseħħ tali interrogatorju jew qabel tali atti investigattivi jew atti ta' ġbir ta' provi jitwettqu.

[…]

(23) Meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw rispett għad-dritt fundamentali għall-għajnuna legali kif previst mill-Karta u mill-KEDB. Meta jagħmlu dan, għandhom jirrispettaw il-Prinċipji u l-Linji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Aċċess għall-Għajnuna Legali fis-Sistemi tal-Ġustizzja Kriminali.

(24) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi, mingħajr dewmien żejjed, jekk għandhiex tingħata għajnuna legali jew le. L-awtorità kompetenti għandha tkun awtorità indipendenti li hija kompetenti biex tieħu d-deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' għajnuna legali, jew qorti, inklużi dawk komposti minn imħallef wieħed. F'sitwazzjonijiet urġenti, l-involviment temporanju tal-pulizija u l-prosekuzzjoni għandu madankollu jkun ukoll possibbli sa fejn dan ikun meħtieġ biex l-għajnuna legali tingħata f'waqtha."

10 Skont l-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett":

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi komuni dwar id-dritt għal għajnuna legali għal:

(a) persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali; […]

[…]

2. Din id-Direttiva tikkomplementa d-Direttivi [2013/48] u [2016/800]. Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jiġi interpretat bħala limitazzjoni tad-drittijiet previsti f'dawk id-Direttivi."

11 L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2016/1919, intitolat "Kamp ta' Applikazzjoni" jipprovdi fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Din id-Direttiva tapplika għall-persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali li jkollhom dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat skont id-[Direttiva 2013/48] u li:

(a) jiġu mċaħħda mil-libertà;

(b) jkunu meħtieġa li jiġu assistiti minn avukat skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali; jew

(c) jkunu meħtieġa jew permessi li jattendu għal att investigattiv jew att ta' ġbir ta' provi, inkluż bħala minimu dawn li ġejjin:
(i) l-identifikazzjoni ta' persuni speċifiċi minn fost oħrajn;
(ii) konfrontazzjonijiet;
(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena ta' reat.

2. Din id-Direttiva tapplika wkoll, fil-mument tal-arrest fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, għall-persuni rikjesti, li jkollhom dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fis-sens tad-[Direttiva 2013/48]."

12 L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2016/1919, intitolat "Għajnuna legali fi proċedimenti kriminali", huwa fformulat kif ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ssuspettati u akkużati li ma jkollhomx biżżejjed riżorsi biex iħallsu għall-assistenza ta' avukat ikollhom id-dritt għal għajnuna legali fejn l-interessi tal-ġustizzja jirrikjedu dan.

2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw test tal-mezzi, test tal-mertu, jew it-tnejn li huma sabiex jiddeterminaw jekk l-għajnuna legali għandhiex tingħata skont il-paragrafu 1.

[…]

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għajnuna legali tingħata mingħajr dewmien żejjed, u sa mhux aktar tard minn qabel l-interrogazzjoni mill-pulizija, minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew minn awtorità ġudizzjarja, jew qabel li l-atti investigattivi jew l-atti ta' ġbir ta' provi previsti fl-Artikolu 2(1)(c) jitwettqu.

[…]"

13 Skont l-Artikolu 8 tal-istess direttiva, intitolat "Rimedji":

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ssuspettati jew akkużati u persuni rikjesti jkollhom rimedju effettiv taħt il-liġi nazzjonali f'każ ta' ksur ta' drittijiethom taħt din id-Direttiva."

14 L-Artikolu 9 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Persuni vulnerabbli", huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bżonnijiet partikolari ta' persuni ssuspettati jew akkużati u persuni rikjesti vulnerabbli jitqiesu fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva."

15 L-Artikolu 11 tal-istess direttiva, intitolat "Nonregressjoni", jipprevedi:

"L-ebda dispożizzjoni f'din id-Direttiva ma għandha tiġi interpretata bħala limitazzjoni jew deroga minn kwalunkwe wieħed mid-drittijiet u s-salvagwardji proċedurali żgurati taħt il-Karta, il-KEDB, jew dispożizzjonijiet rilevanti oħra tad-dritt internazzjonali jew tal-liġi ta' kwalunkwe Stat Membru li jipprovdu livell ta' protezzjoni ogħla."

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

16 Il-premessi 1, 6, 7, 11 u 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni jipprovdu:

"(1) L-għan ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tħeġġeġ lill-Istati Membri biex isaħħu d-drittijiet proċedurali tal-persuni suspettati jew akkużati kollha li mhumiex kapaċi jifhmu u jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċedimenti kriminali minħabba l-età, il-kundizzjoni mentali jew fiżika tagħhom jew diżabbiltajiet ("persuni vulnerabbli").

[…]

(6) Huwa essenzjali li l-vulnerabbiltà ta' persuna suspettata jew akkużata fi proċedimenti kriminali tiġi identifikata u rikonoxxuta minnufih. Għal dan l-iskop, għandha ssir valutazzjoni inizjali mill-uffiċjali tal-pulizija, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew l-awtoritajiet ġudizzjarji. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll ikunu kapaċi jitolbu espert indipendenti biex jeżamina l-livell ta' vulnerabbiltà, il-ħtiġijiet tal-persuna vulnerabbli u l-adegwatezza ta' kull miżura meħuda jew maħsuba kontra l-persuna vulnerabbli.

(7) Il-persuni suspettati jew akkużati jew l-avukat tagħhom għandu jkollhom id-dritt li jikkontestaw, f'konformità mal-liġi nazzjonali, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà potenzjali tagħhom fi proċedimenti kriminali, b'mod partikolari jekk din tista' timpedixxi jew tirrestrinġi b'mod sinifikanti l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Dan id-dritt ma jinvolvix l-obbligu għall-Istati Membri li jipprevedu proċedura ta' appell speċifika, mekkaniżmu separat, jew proċedura ta' ilment li permezz tagħhom dan in-nuqqas jew dan ir-rifjut jista' jiġi kkontestat.

[…]

(11) Il-persuni li huma rikonoxxuti bħala partikolarment vulnerabbli ma jistgħux isegwu u jifhmu l-proċediementi kriminali. Sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tagħhom għal proċess ġust ikunu żgurati, dawn ma għandhomx ikunu jistgħu jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom għal avukat.

[…]

(13) Il-persuni vulnerabbli mhux dejjem huma kapaċi jifhmu l-kontenut tal-intervista tal-pulizija li jkunu soġġett għaliha. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe kontestazzjoni tal-kontenut ta' intervista u b'hekk ripetizzjoni bla bżonn ta' interrogazzjoni, għandha ssir reġistrazzjoni awdjoviżiva ta' dawn l-intervisti."

17 Il-punt 4 ta' din ir-rakkomandazzjoni jinsab fit-Taqsima 2 tagħha, intitolata "Identifikazzjoni tal-Persuni Vulnerabbli". Skont dan il-punt 4:

"Il-persuni vulnerabbli għandhom jiġu identifikati u rikonoxxuti bħala tali minnufih. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti kollha jistgħu jirrikorru għal eżami mediku minn espert indipendenti biex jidentifika l-persuni vulnerabbli, u biex jiġi determinat il-grad tal-vulnerabbiltà u l-bżonnijiet speċifiċi tagħhom. Dan l-espert jista' jagħti opinjoni raġunata dwar l-adegwatezza tal-miżuri meħuda jew maħsuba kontra l-persuna vulnerabbli."

18 It-Taqsima 3 tal-imsemmija rakkomandazzjoni, intitolata "Drittijiet tal-Persuni Vulnerabbli", tinkludi għaxar partijiet, li erbgħa minnhom huma intitolati "In-nondiskriminazzjoni", "Il-preżunzjoni tal-vulnerabbiltà", "Id-dritt ta' aċċess għal avukat" u "Ir-reġistrazzjoni tal-interrogazzjoni". Il-punt 6 tal-istess rakkomandazzjoni, li jinsab fl-ewwel waħda minn dawn l-erba' partijiet, huwa fformulat kif ġej:

"Id-drittijiet proċedurali mogħtija lill-persuni vulnerabbli għandhom jiġu rispettati matul il-proċedimenti kriminali filwaqt li jitqiesu n-natura u l-grad tal-vulnerabbiltà tagħhom."

19 Il-punt 7 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li jinsab fil-parti intitolata "Il-preżunzjoni tal-vulnerabbiltà", jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jipprevedu preżunzjoni tal-vulnerabbiltà b'mod partikolari għall-persuni b'diżabbiltajiet psikoloġiċi, intellettwali, fiżiċi jew sensorjali serji, jew mard mentali jew disturbi konjittivi, li jfixkluhom biex jifhmu u jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċedimenti."

20 Skont il-punt 11 ta' din ir-rakkomandazzjoni, li jinsab fil-parti intitolata "Id-dritt ta' aċċess għal avukat":

"Jekk persuna vulnerabbli ma tistax tifhem u ssegwi l-proċedimenti, id-dritt ta' aċċess għal avukat skont id-[Direttiva 2013/48] ma għandux jiġi rrinunzjat."

21 Il-punt 13 tal-imsemmija rakkomandazzjoni, li jinsab fil-parti intitolata "Ir-reġistrazzjoni tal-interrogazzjoni", jipprovdi:

"Għandha ssir reġistrazzjoni awdjoviżiva ta' kull interrogazzjoni ta' persuni vulnerabbli matul il-fażi ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċess."

Id-dritt Pollakk

22 Skont l-Artikolu 6 tal-ustawa – Kodeks postępowania karnego (il-Liġi li Tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali), tas-6 ta' Ġunju 1997 (Dz. U. tal-2022, entrata 1375), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-proċeduri kriminali fil-kawża prinċipali (iktar' il quddiem il-"KPK"), il-persuna akkużata tibbenefika mid-drittijiet tad-difiża, inkluż id-dritt li tiġi assistita minn avukat. Hija għandha tiġi informata b'dan id-dritt.

23 L-Artikolu 79 tal-KPK jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, persuna akkużata għandha tiġi assistita minn avukat jekk ikun hemm dubju leġittimu dwar l-assenza jew it-tibdil sostanzjali tal-ġudizzju tagħha jew tal-kontroll tal-atti tagħha waqt it-twettiq tar-reat (punt 3), jew jekk ikun hemm dubju leġittimu dwar il-kapaċità li s-saħħa mentali tagħha tippermettilha tipparteċipa fil-proċedura jew li tiżgura d-difiża tagħha b'mod indipendenti u raġonevoli (punt 4). L-Artikolu 79(3) tal-KPK jipprovdi barra minn hekk li, fil-każijiet imsemmija, b'mod partikolari, fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu 79, il-preżenza tal-avukat hija obbligatorja fil-proċess kif ukoll fis-seduti li fihom il-persuna akkużata tkun obbligata tipparteċipa.

24 Skont l-Artikolu 168a tal-KPK, prova ma tistax tiġi ddikjarata inammissibbli għas-sempliċi raġuni li tkun inkisbet bi ksur tar-regoli proċedurali jew permezz ta' reati msemmija fl-Artikolu 1(1) tal-Kodiċi Kriminali, sakemm din il-prova ma tkunx inkisbet minn uffiċjal pubbliku fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, b'riżultat ta' omiċidju, offiża fuq il-persuna volontarja jew ċaħda tal-libertà.

25 L-Artikolu 300 tal-KPK jikkonċerna d-dritt għal informazzjoni ta' persuna ssuspettata. F'dan ir-rigward, il-persuna ssuspettata għandha, qabel l-ewwel interrogazzjoni tagħha, tiġi informata bid-drittijiet tagħha li tinstema', li tibqa' siekta jew li tirrifjuta li tirrispondi għal mistoqsijiet, bil-kontenut tal-akkuża u bl-emendi tagħha, id-dritt li tressaq talbiet bl-għan li jitwettqu dmirijiet ta' investigazzjoni preliminari jew ta' inkjesta, li tkun assistita minn avukat, inkluż li titlob il-ħatra *ex officio* ta' avukat f'ċerti każijiet li hija għandha tiġi informata bihom, li tieħu konjizzjoni tal-elementi tal-fajl finali tal-investigazzjoni kriminali u tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 301 tal-KPK, kif ukoll tal-obbligi u tal-konsegwenzi stabbiliti fl-Artikolu 74 tal-KPK. Il-persuna suspettata għandha tikseb din l-informazzjoni bil-miktub u tikkonferma li rċevietha billi tiffirma konferma tar-riċevuta tad-dokument ta' informazzjoni.

26 Konformement mal-Artikolu 301 tal-KPK, fuq talba tal-persuna ssuspettata, din għandha tiġi interrogata fil-preżenza tal-avukat maħtur. L-assenza ta' dan tal-aħħar ma tipprekludix li ssir l-interrogazzjoni.

27 Skont l-Artikolu 344a tal-KPK, il-qorti adita għandha tibgħat il-kawża lura quddiem il-Prosekutur sabiex jikkompleta l-investigazzjoni jekk il-proċess jiżvela nuqqasijiet sinjifikattivi fil-proċedura, b'mod partikolari l-ħtieġa li jinstabu provi, u jekk din il-qorti tiltaqax ma' diffikultajiet kunsiderevoli sabiex twettaq l-atti neċessarji. Meta tibgħat lura l-kawża lill-Prosekutur, l-imsemmija qorti għandha tispeċifika d-direzzjoni li għandha tittieħed mill-investigazzjoni ulterjuri u, jekk ikun meħtieġ, il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu. Dan id-digriet jista' jiġi kkontestat mill-partijiet.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

28 Is-Sąd Rejonowy we Włocławku (il-Qorti Distrettwali ta' Włocławek, il-Polonja), il-qorti tar-rinviju f'din il-kawża, hija adita bi proċeduri kriminali mibdija kontra K.P.

29 Skont l-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju, il-proċeduri kriminali nbdew fil-kuntest li ġej. Fit-22 ta' Lulju 2022, informati b'ħabta li kienet tinvolvi żewġ vetturi, uffiċjali tal-pulizija interrogaw lil K.P. Huwa kien barra mill-vettura tiegħu, nervuż, u kien qiegħed jitkellem b'mod konfuż u inkoerenti.

30 L-uffiċjali tal-pulizija talbuh jagħtihom kwalunkwe oġġett fil-pussess tiegħu li d-detenzjoni tiegħu kienet potenzjalment ipprojbita. Minn basket, K.P. ħareġ boroż tal-plastik li kien fihom trab abjad u sustanza niexfa ta' kulur aħdar. Dawn is-sustanzi ġew maqbuda u, sussegwentement, identifikati bħala li setgħu jkunu l-amfetamina u l-marijuana rispettivament.

31 Wara li sarulu dawn id-domandi, K.P. ġie arrestat u ttieħed l-isptar fejn sar it-teħid tad-demm sabiex jiġi vverifikat jekk huwa kienx uża drogi narkotiċi. Huwa ġie akkużat bil-possessjoni ta' prodott narkotiku u sustanza psikotropika.

32 K.P. ġie informat bid-dritt tiegħu li jiġi assistit minn avukat tal-għażla tiegħu u bid-dritt li jinħatar avukat difensur mill-qorti jekk is-sitwazzjoni ekonomika tiegħu ma tippermettilux jagħżel wieħed. Huwa ġie informat ukoll bid-dritt tiegħu li jinstema', li jibqa' sieket u li jirrifjuta li jwieġeb għall-mistoqsijiet. Il-proċess verbal tal-interrogazzjoni jinkludi nota ta' uffiċjal tal-pulizija li tgħid li, "skont id-dikjarazzjonijiet tiegħu, [K.P.] huwa mentalment b'saħħtu, ma jsegwix jew ma segwiex trattament psikjatriku, mediku jew newroloġiku".

33 K.P ma rrinunzjax għad-dritt tiegħu li jkun assistit minn avukat, iżda lanqas ma talab li jinħatar wieħed għalih. Jidher li ma teżisti ebda prova li l-uffiċjal tal-pulizija eżamina lil K.P. Sabiex jiddetermina jekk, waqt l-interrogazzjoni tiegħu, dan kienx jinsab taħt l-influwenza ta' prodotti jew ta' sustanzi li jbiddlu l-ġudizzju tiegħu jew il-kapaċità tiegħu li jiftakar il-fatti, jew jekk kienx taħt l-influwenza ta' prodotti narkotiċi.

34 Is-sustanzi li K.P. Kellu fil-pussess tiegħu u li ġew maqbuda kif ukoll il-kampjuni tad-demm tiegħu meħuda mill-isptar kienu s-suġġett ta' perizja xjentifika. Fid-dawl tal-konċentrazzjoni ta' amfetamina preżenti f'dawn il-kampjuni, ġie konkluż li waqt it-teħid tad-demm K.P. kien jinsab "taħt l-influwenza ta' droga li għandha effett simili għal dak tal-alkoħol". Fis-7 ta' Awwissu 2022, huwa ġie akkużat li saq karozza taħt l-influwenza ta' droga li għandha effett simili għal dak tal-alkoħol.

35 L-att ta' akkuża ġie nnotifikat lilu, fl-14 ta' Ottubru 2022, fid-dipartiment psikjatriku tal-isptar fejn kien jinsab. Huwa nstema', mingħajr il-preżenza ta' avukat, peress li l-Prosekutur, barra minn hekk, ma talabx li jinħatar avukat difensur mill-qorti sabiex jassistih. L-interrogazzjoni lanqas ma ġiet irrekordjata f'forma awdjoviżiva.

36 Qabel din is-seduta, fit-22 ta' Awwissu 2022, psikjatra li kien ta l-kura lil K.P. qabel, iddikjara, waqt is-smigħ tiegħu stess, li l-istat psikiku tal-persuna kkonċernata, jiġifieri l-gravità tas-sintomi tal-marda mentali tiegħu, ma kienx jippermettilu jieħu sehem f'atti proċedurali, peress li dan l-istat seta' jippersisti għal mill-inqas diversi ġimgħat. Barra minn hekk, mill-fajl mediku ta' K.P., mibgħut lill-Prosekutur fuq talba tiegħu fit-23 ta' Settembru 2022, allegatament jirriżulta li l-persuna kkonċernata kienet għaddiet diversi perijodi fi sptar psikjatriku bejn it-30 ta'

Ġunju 2021 u t-22 ta' Lulju 2022 sabiex tittratta skiżofrenija u problemi skiżoaffettivi. Minn dan jirriżulta wkoll li inizjalment kien ġie ddijanjostikat bħala li jsofri minn disturb mentali u minn disturb ikkawżat mill-użu alternat ta' drogi narkotiċi u ta' sustanzi psikoattivi, kif ukoll minn disturb mentali psikotiku.

37 Fil-15 ta' Diċembru 2022, tressaq quddiem il-qorti tar-rinviju l-att ta' akkuża finali li fetaħ il-kawża.

38 Fit-28 ta' Frar 2023, din il-qorti ddeċidiet, abbażi tal-Artikolu 344a(1) tal-KPK, li tibgħat il-kawża lura quddiem l-Uffiċċju tal-Prosekutur għal investigazzjoni ulterjuri, sabiex K.P. jiġi interrogat fil-preżenza ta' avukat u sabiex tikseb l-opinjoni ta' psikjatri esperti dwar l-istat ta' saħħa mentali ta' K.P. matul ir-reat u matul il-proċeduri kriminali mibdija kontrih.

39 Madankollu, din id-deċiżjoni ġiet annullata mis-Sąd Okręgowy we Włocławku (il-Qorti Reġjonali ta' Włocławek, il-Polonja) wara appell mill-Uffiċċju tal-Prosekutur. Il-kawża ġiet irrinvijata lill-qorti tar-rinviju għat-tkomplija tal-proċedura.

40 Fil-kuntest ta' din il-proċedura, din il-qorti tindika li kkonstatat, b'mod partikolari, li ma twettqet ebda evalwazzjoni individwali matul il-proċedura ta' investigazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk K.P. kienx f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà li teħtieġ il-ħatra ta' avukat difensur mill-qorti. Lanqas ma ġie stabbilit jekk is-saħħa mentali tiegħu kinitx tippermettilu jieħu sehem fil-proċedura jew jiżgura d-difiża tiegħu b'mod indipendenti u raġonevoli.

41 Il-qorti tar-rinviju tiddeduċi minn dawn il-konstatazzjonijiet li K.P. kien għalhekk imċaħħad, minn naħa, mill-protezzjoni minima li għandu dritt għaliha, skont id-Direttiva 2016/1919, bħala persuna ssuspettata u persuna potenzjalment vulnerabbli, u, min-naħa l-oħra, mid-drittijiet li l-persuni ssuspettati kollha jistgħu jinvokaw, skont id-Direttivi 2012/13 u 2013/48. Dan jirrigwarda, prinċipalment, il-garanzija tad-dritt għall-assistenza ta' avukat għall-persuni preżunti vulnerabbli, kif ukoll tad-dritt ta' dawn tal-aħħar li jibbenefikaw minn għajnuna legali meta jkunu ssuspettati li wettqu reat.

42 Skont il-qorti tar-rinviju, din is-sitwazzjoni tirriżulta min-nuqqas ta' traspożizzjoni korretta u kompleta ta' dawn id-direttivi kif ukoll min-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni fl-ordinament ġuridiku Pollakk. Għaldaqstant, fl-ewwel lok, għandu jiġi ddeterminat jekk id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-direttivi ċċitati iktar 'il fuq jissodisfawx il-kriterji tal-effett dirett.

43 Il-qorti tar-rinviju tirrileva, barra minn hekk, li r-regoli tal-proċedura kriminali fis-seħħ ma joffrux soluzzjonijiet suffiċjentement preċiżi li jiggarantixxu lil kull persuna li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi 2013/48 u 2016/1919 id-drittijiet kollha li dawn id-direttivi jipprevedu, bħad-dritt ta' aċċess immedjat għal avukat, id-dritt li tibbenefika mill-assistenza ta' avukat fl-iktar stadju bikri tal-fażi ta' qabel il-proċess jew ukoll id-dritt li l-bżonnijiet tagħha jiġu identifikati mingħajr dewmien qabel ma tiġi interrogata bħala persuna ssuspettata. Fin-nuqqas ta' interpretazzjoni ta' dawn ir-regoli b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf, fit-tieni lok, jekk mhux biss il-qrati nazzjonali, iżda, b'mod iktar wiesa', l-awtoritajiet nazzjonali kollha responsabbli għall-infurzar tal-liġi, humiex obbligati ma japplikawx l-imsemmija regoli.

44 Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tindika, fit-tielet lok, li hija tfittex li "tistabbilixxi rimedju ġudizzjarju effettiv" li jista' jelimina l-effetti tal-ksur tad-drittijiet li l-persuna ssuspettata kellha tibbenefika minnhom fl-istadji preċedenti tal-proċedura skont id-Direttiva 2016/1919. Hija tirreferi, għal dan l-għan, għall-Artikolu 8 ta' din id-direttiva u għall-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48, kif ukoll għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

45 Fir-raba' lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar is-sitwazzjoni ta' persuna ssuspettata jew akkużata li tkun identifikata bħala persuna vulnerabbli li lilha jkollha tingħata għajnuna legali, mingħajr dewmien, konformement mad-Direttiva 2016/1919. Din il-qorti tistaqsi jekk l-awtoritajiet nazzjonali, bħall-Prosekutur, li jipparteċipaw fil-fażi ta' qabel il-proċess kriminali u li jmexxu din il-fażi, humiex obbligati jiżguraw protezzjoni legali effettiva skont din id-direttiva meta r-reat inkwistjoni jkun punibbli b'piena ta' priġunerija. L-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni teżiġi, barra minn hekk, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati, iżda wkoll tal-awtoritajiet inkarigati mill-proċeduri kriminali fil-kawżi li jkollhom element ta' konnessjoni mad-dritt tal-Unjoni.

46 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Sąd Rejonowy we Włocławku (il-Qorti Distrettwali ta' Włocławku) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. L-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 4(5) kif ukoll l-Artikolu 9 moqrija flimkien mal-premessi 18, 19, 24 u 27 tad-[Direttiva 2016/1919], b'rabta mal-kontenut tal-Artikolu 3(2)(a) u [(b)] u l-Artikolu 3(3)(a) tad-[Direttiva 2013/48] f'interpretazzjoni ggwidata mill-kontenut stabbilit [fil-punti 6, 7, 11, u 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jintroduċu regola li għandha effett dirett u u vinkolanti, li tagħmilha inammissibbli li jsiru atti investigattivi fil-forma ta' interrogazzjoni ta' persuni vulnerabbli jew persuni li jinsabu f'sitwazzjoni partikolarment diffiċli mingħajr il-preżenza ta' avukat difensur jekk ikun hemm sitwazzjonijiet oġġettivi fattwali għall-għoti ta' għajnuna legali, fejn fl-istess waqt l-awtorità inkarigata mill-fażi preliminari tal-proċedura tonqos milli taħtar għajnuna legali *ex officio* (anki urġenti jew provviżorju) mingħajr dewmien żejjed u qabel ma tinstema' l-persuna kkonċernata [*in concreto* persuni vulnerabbli] mill-pulizija, minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew minn awtorità ġudizzjarja, jew qabel ma jitwettqu atti konkreti ta' investigazzjoni jew atti ta' ġbir ta' provi?

2) L-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 4(5) kif ukoll l-Artikolu 9 moqrija flimkien mal-premessi 18, 19, 24 u 27 tad-[Direttiva 2016/1919] b'rabta mal-kontenut tal-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva f'interpretazzjoni ggwidata mill-kontenut stabbilit [fil-punti 6, 7, 11, u 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni], minkejja raġunijiet fattwali għal identifikazzjoni immedjata, għandhom jiġu interpretati fis-sens li [(i)] n-nuqqas ta' identifikazzjoni proċedurali ta' sitwazzjonijiet speċjali potenzjali jew ir-rikonixximent ta' persuni vulnerabbli u [(ii)] n-nuqqas ta' possibbiltà li titqiegħed inkwistjoni l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni partikolarment diffiċli potenzjali kif ukoll il-provvista lil tali persuni ta' avukat difensur *ex officio* mingħajr dewmien żejjed fi kwalunkwe każ ma humiex ammissibbli f'każijiet li jinvolvu atti pprojbiti punibbli b'ċaħda tal-libertà, u ċ-ċirkustanzi ta' nuqqas ta identifikazzjoni u ħatra ta' difiża *ex officio* għandhom jiġu ddikjarati b'mod espliċitu fid-deċiżjoni, li bħala prinċipju tista' tiġi appellata, li l-interrogazzjoni ssir fl-assenza tal-avukat?

3) L-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 4(5) kif ukoll l-Artikolu 9 moqrija flimkien mal-premessi 18, 19, 24 u 27 tad-[Direttiva 2016/1919] b'rabta mal-kontenut tal-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva f'interpretazzjoni ggwidata mill-kontenut stabbilit [fil-punti 6, 7, 11, u 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni] għandhom jiġu interpretati fis-sens li n-nuqqas ta' introduzzjoni minn Stat Membru, fil-qafas tal-proċedura kriminali, ta' preżunzjoni ta' sitwazzjoni partikolarment diffiċli, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-persuna ssuspettata milli tibbenefika min-natura garanti tal-Artikolu 9 tad-[Direttiva 2016/1919] fl-interpretazzjoni li tirriżulta mill-kontenut [tal-punt 11 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni], u għaldaqstant - f'tali sitwazzjoni awtoritajiet ġudizzjarji huma obbligati japplikaw direttament id-dispożizzjonijiet [ta' din id-]Direttiva?

4) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal minn tal-inqas domanda waħda mill-ewwel [tlieta] – id-dispożizzjonijiet taż-żewġ direttivi imsemmija f'dawn id-domandi għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali bħal:
   (a) it-tieni sentenza tal-Artikolu 301 tal-[KPK], li jipprevedi li huwa biss fuq it-talba tiegħu li s-suspettat jiġi interrogat fil-preżenza tal-avukat difensur maħtur, u li l-assenza tal-avukat difensur għall-interrogazzjoni tas-suspettat ma tipprekludix l-interrogazzjoni [;]
   (b) il-punti 3 u 4 tal-Artikolu 79(1) [tal-KPK], li skonthom, fil-proċeduri kriminali l-persuna akkużata (il-persuna ssuspettata) għandu jkollha avukat difensur jekk jirriżulta li jkun hemm dubju ġġustifikat dwar jekk il-kapaċità tagħha li tagħraf it-tifsira tal-att jew li tikkontrolla l-aġir tagħha ma kinitx, fi żmien it-twettiq ta' dan l-att, eskluża jew ristretta b'mod sinjifikattiv, u fejn ikun hemm dubju ġġustifikat dwar jekk il-qagħda tas-saħħa mentali tagħha tippermetti li tipparteċipa fil-proċeduri jew li tieħu ħsieb id-difiża tagħha b'mod indipendenti u raġonevoli?

5) L-Artikolu 3(2)(a) moqri flimkien mal-Artikolu 3(3)(b) tad-[Direttiva 2013/48] b'rabta mal-prinċipji ta' supremazija u ta' effett dirett tad-direttivi jipprekludu lill-organi inkarigati mill-fażi preliminari tal-proċedura, lill-qrati kif ukoll kwalunkwe organu nazzjonali milli japplikaw dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jmorru kontra [din id-]Direttiva, bħal dawk imsemmija fir-raba' domanda, u konsegwentement - fid-dawl tal-iskadenza tat-terminu ta' implimentazzjoni - li jissostitwixxu l-imsemmija regoli nazzjonali mar-regoli [tal-imsemmija] Direttiva li għandhom effett dirett?

6) L-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 4(5) kif ukoll l-Artikolu 9 moqrija flimkien mal-premessi 19, 24 u 27 tad-[Direttiva 2016/1919] għandhom jiġu interpretati fis-sens li n-nuqqas ta' taħid ta' deċiżjoni ta' ħatra jew fil-każ ta' nuqqas ta' ħatra ta' għajnuna legali *ex officio* lil persuna vulnerabbli jew lil persuna preżunta li tinsab f'sitwazzjoni partikolarment diffiċli konformement [mal-punt 7 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni], u sussegwentement, fir-rigward tat-twettiq, bis-sehem ta' tali-persuni, ta' atti ta' investigazzjoni mill-pulizija jew minn organu ieħor ta' infurzar, liema atti ma jistgħux jiġu repetuti quddiem qorti, qorti nazzjonali kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kawża fi proċeduri kriminali, kif ukoll kwalunkwe organu nazzjonali ieħor inkarigat mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja fi proċeduri kriminali (jiġifieri – organi inkarigati mill-fażi preliminari tal-proċedura) għandhom obbligu ma japplikawx dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jmorru kontra [din id-]Direttiva, bħal dawk imsemmija fir-raba' domanda, u konsegwentement – fid-dawl tal-iskadenza tat-terminu ta' implimentazzjoni – li jissostitwixxu l-imsemmija regoli nazzjonali mar-regoli [tal-imsemmija] Direttiva li għandhom effett dirett, anki fil-każ fejn tali persuna tkun ħatret avukat difensur tal-għażla tagħha wara tmiem l-investigazzjoni (jew inkjesta) u l-prosekutur pubbliku jkun issottometta l-att ta' akkuża lill-qorti?

7) L-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 4(5) kif ukoll l-Artikolu 9 moqrija flimkien mal-premessi 19, 24 u 27 tad-[Direttiva 2016/1919] b'rabta mal-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva f'interpretazzjoni ggwidata mill-kontenut stabbilit [fil-punti 6, 7, 11 u 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni] għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru għandu l-obbligu li jiggarantixxi identifikazzjoni u rikonoxximent immedjat ta' sitwazzjoni partikolarment diffiċli tal-persuna ssuspettata kif ukoll għajnuna legali *ex officio* lill-persuna ssuspettata jew akkużata fi proċeduri kriminali, preżunta li tinsab f'sitwazzjoni partikolarment diffiċli, jew persuna vulnerabbli fejn din l-għajnuna tkun ta' natura obbligatorja anki fejn l-awtorità kompetenti tonqos milli tirreferi għal espert indipendenti għall-evalwazzjoni tal-grad tas-sitwazzjoni partikolarment diffiċli, tal-ħtiġijiet tal-persuna vulnerabbli kif ukoll tal-adegwatezza ta' kwalunkwe miżuri meħuda jew previsti fil-konfront ta' persuni vulnerabbli sakemm issir evalwazzjoni effettiva minn espert indipendenti?

8) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għas-seba' domanda, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [2016/1919] u tar-[Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali, bħall-punti 3 u 4 tal-Artikolu 79(1) [tal-KPK], li skonthom, fi proċeduri kriminali, il-persuna akkużata għandu jkollha avukat difensur biss jekk jirriżulta li jkun hemm dubju ġġustifikat dwar jekk il-kapaċità tagħha li tagħraf it-tifsira tal-att jew li tikkontrolla l-aġir tagħha ma kinitx, fi żmien it-twettiq ta' dan l-att, eskluża jew sa ċertu punt limitata, u fejn ikun hemm dubju ġġustifikat dwar jekk il-qagħda tas-saħħa mentali tagħha tippermetti li tipparteċipa fil-proċeduri jew li tieħu ħsieb id-difiża tagħha b'mod indipendenti u raġonevoli?

9) L-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 4(5) kif ukoll l-Artikolu 9 moqrija flimkien mal-premessi 19, 24 u 27 tad-[Direttiva 2016/1919] b'rabta mal-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva f'interpretazzjoni ggwidata mill-kontenut stabbilit [fil-punti 6, 7, 11, u 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni], kif ukoll il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' sitwazzjoni partikolarment diffiċli, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-organi kompetenti (l-uffiċċju tal-prosekutur, il-pulizija), sa mhux iktar tard minn qabel l-ewwel interrogazzjoni tal-persuna ssuspettata mill-pulizija jew minn organu kompetenti ieħor, għandhom immedjatament iwettqu identifikazzjoni proċedurali u jirrikonoxxu s-sitwazzjoni partikolarment diffiċli tal-persuna ssuspettata fi proċeduri kriminali u jiggarantixxu fil-konfront tagħha l-provvista ta' għajnuna legali jew għajnuna urġenti (provviżorja) kif ukoll li joqgħodu lura milli jinterrogaw lill-persuna ssuspettata sal-mument meta tinħatar għajnuna legali *ex officio* jew il-provvista ta' għajnuna urġenti (provviżorja) lill-persuna?

10) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-disa' domanda, l-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 4(5) kif ukoll l-Artikolu 9 moqrija flimkien premessi 19, 24 u 27 tad-[Direttiva 2016/1919] b'rabta mal-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva f'interpretazzjoni ggwidata mill-kontenut stabbilit [fil-punti 6, 7, 11, u 13 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jimponu fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiddefinixxu b'mod ċar fid-dritt nazzjonali tagħhom ir-raġunijiet u l-kriterji għal derogi mill-identifikazzjoni u rikonoxximent immedjat ta' sitwazzjonijiet partikolarment diffiċli ta' persuna ssuspettata fi proċeduri kriminali u li jiggarantixxu fil-konfront tagħha l-provvista ta' għajnuna legali jew għajnuna urġenti (provviżorja), u kwalunkwe deroga eventwali għandha tkun proporzjonali, limitata *ratione temporis* u ma tistax tikser il-prinċipji ta' ekwità proċedurali, u barra minn hekk għandha tieħu l-forma proċedurali ta' deċiżjoni għal awtorizzazzjoni ta' deroga temporanja li minnha bħala prinċipju l-parti għandu jkollha d-dritt li titlob li din id-deċiżjoni tiġi sottomessa għall-evalwazzjoni tal-qorti?

11) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-[Karta] moqrija flimkien mal-Artikolu 3(2)(a) u mal-Artikolu 3(3)(a) u (b) tad-[Direttiva 2013/48] b'rabta mal-Artikolu 1(2) u mal-premessa 27 [tad-Direttiva 2016/1919] kif ukoll b'rabta mal-Artikolu 8 tad-[Direttiva 2016/1919] għandhom jiġu interpretati fis-sens li f'każ ta' nuqqas ta' ħatra mill-organu proċedurali u ta' speċifikazzjoni tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' deċiżjoni ta' ħatra ta' għajnuna legali *ex officio* lil persuna li fir-rigward tagħha hemm preżunzjoni ta' sitwazzjoni partikolarment diffiċli u/jew vulnerabbli (konformement mal-kontenut [tal-punti 7 u 11 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni]) tali persuna għandha dritt għal rimedji legali effettivi u bħala tali għandha tiġi kkunsidrata istituzzjoni tad-dritt proċedurali nazzjonali prevista fl-Artikolu 344a [tal-KPK]. li tordna li l-kawża tintbagħat lura lill-prosekutur bil-għan ta':
    (a) it-twettiq mill-organu inkarigat mill-fażi preliminari tal-proċedura tal-identifikazzjoni u r-rikonoxximent tas-sitwazzjoni partikularment diffiċli tal-persuna ssuspettata fi proċeduri kriminali;
    (b) il-possibbiltà għall-persuna ssuspettata li tikkonsulta lill-avukat difensur qabel ma jingħata bidu għall-interrogazzjoni;
    (c) it-twettiq tal-interrogazzjoni tal-persuna ssuspettata fil-preżenza tal-avukat difensur permezz ta' reġistrazzjoni awdjoviżiva tal-istess interrogazzjoni;
    (d) il-possibbiltà għall-avukat difensur li jiffamiljarizza ruħu mal-atti proċedurali u sottomissjoni eventwali ta' offerti ta' prova mill-persuna vulnerabbli u l-avukat maħtur *ex officio* jew l-avukat maħtur mill-persuna ssuspettata?

12) L-Artikolu 4 tal-[Karta] moqri flimkien mal-Artikolu 6(1) u [2] TUE kif ukoll mal-Artikolu 6(3) TUE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tal-[KEDB] […] b'rabta mal-preżunzjoni ta' sitwazzjoni partikolarment diffiċli konformement mal-kontenut [tal-punt 7 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-interrogazzjoni tal-persuna ssuspettata mill-pulizija jew minn persuna oħra awtorizzata mit-twettiq ta' atti ta' investigazzjoni taħt kundizzjonijiet ta' sptar psikjatriku mingħajr teħid inkunsiderazzjoni ta' stat ta' inċertezza u taħt kundizzjonijiet ta' libertà partikolarment limitati li persuna tesprimi ruħha u l-vulnerabbiltà psikoloġika *sui generis* u fl-assenza ta' avukat, tikkostitwixxi trattament inuman u bħala tali tiskwalifika kompletament tali atti proċedurali tal-interrogazzjoni inkwantu kuntrarja għad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni?

13) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tnax-il domanda, id-dispożizzjonijiet imsemmija fit-tnax-il domanda għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu (jew pjuttost – jobbligaw) [(i)] lill-qorti nazzjonali li tieħu konjizzjoni ta' kawża fi proċeduri kriminali – li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2016/1919 b'rabta [mal-punt 7 tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni] kif ukoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttiva 2013/48] – iżda wkoll [(ii)] kwalunkwe organu ieħor inkarigat minn proċeduri kriminali li jittratta atti proċedurali f'kawża, jeskludu dispożizzjonijiet nazzjonali inkompatibbli mad-Direttiva [2016/1919], inkluż b'mod partikolari li jiġi eskluż l-Artikolu 168a [tal-KPK] u, konsegwentement, minħabba l-iskadenza tat-terminu ta' implimentazzjoni, jissostitwixxu r-regoli nazzjonali msemmija iktar 'il fuq b'regoli ta[' din id]-direttiva li jkunu direttament applikabbli anki fil-każ fejn tali persuna wara l-konklużjoni tal-investigazzjoni (jew inkjesta) u s-sottomissjoni tal-att ta' akkuża mill-prosekutur pubbliku, tkun ħatret avukat difensur tal-għażla tagħha?

14) L-Artikolu 2(1)(b) u l-Artikolu 4(5) kif ukoll l-Artikolu 9 moqrija flimkien mal-premessi 19, 24 u 27 tad-Direttiva 2016/1919 flimkien mal-Artikolu 3(2)[(a) sa (c)] kif ukoll mal-Artikolu 3(3)(b) tad-[Direttiva 2013/48] moqrija flimkien mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE kif ukoll il-prinċipju ta' effettività fid-dritt tal-Unjoni, għandhom jiġu interpretati fis-sens li prosekutur li jkun qed jaġixxi fi stadju preliminari tal-proċedura f'kawżi kriminali għandu obbligu jaġixxi b'osservanza sħiħa tar-rekwiżiti tad-Direttiva 2016/1919 li għandhom effett dirett u b'hekk – li jiżguraw li l-persuna ssuspettata jew akkużata suġġetta għall-protezzjoni tal-imsemmija direttiva jkollha protezzjoni legali effettiva kemm jista' jkun kmieni fost it-termini ta' żmien li ġejjin:
   (a) qabel ma tiġi interrogata mill-pulizija jew minn organu ieħor ta' infurzar jew minn organu ġudizzjarju;
   (b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' atti investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi konformement mal-Artikolu 3(3)(c) tad-Direttiva 2013/48;
   (c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà (li għandha wkoll tinftiehem fis-sens ta' tqegħid fi sptar psikjatriku), u f'każ ta' ħtieġa – għandu obbligu li jinjora eventwali ordnijiet ta' prokuraturi superjuri, jekk ikun konvint li l-applikazzjoni tagħhom fil-konfront ta' tali persuna tippreġudika l-protezzjoni effettiva tal-persuna ssuspettata li fil-konfront tagħha hemm preżunzjoni ta' trattament speċjali u ta' sitwazzjoni partikolarment diffiċili, inkluż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jew kwalunkwe dritt ieħor mogħti lilu mid-Direttiva (UE) 2016/1919 flimkien mad-[Direttiva 2013/48]?

15) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-erbatax-il domanda, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li jistabbilixxi l-prinċipu ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva b'rabta mal-Artikolu 2 TUE, flimkien mal-prinċipju ta' osservanza tal-Istat tad-dritt konformement mal-interpretazzjoni mogħtija fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [ara s-sentenza tas-27 ta' Mejju 2019, OG u PI (Prosekuturi ta' Lübeck u ta' Zwickau), C-508/18 u C-82/19 PPU, EU:C:2019:456], kif ukoll, il-prinċipju ta' indipendenza tal-imħallfin stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u fl-Artikolu 47 tal-[Karta], konformement mal-interpretazzjoni mogħtija mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associaçao Sindical dos Juizes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117) għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn il-prinċipi, fid-dawl tal-possibbiltà li jingħataw ordnijiet vinkolanti lil prosekuturi ta' livell inferjuri mill-Prosekutur Ġenerali jew prosekuturi superjuri li jobbligaw lill-prokuraturi ta' livell inferjuri jinjoraw dispożizzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom effett dirett jew ifixklu l-applikazzjoni tagħhom, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tindika d-dipendenza diretta tal-prosekuturi mill-organu eżekuttiv, jiġifieri l-Ministru għall-Ġustizzja, kif ukoll jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-indipendenza tal-uffiċċju tal-prosekutur fl-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari […] l-Artikolu 1(2), il-punti 1 u 3 tal-Artikolu 3(1), l-Artikolu 7(1) sa (6) u (8) kif ukoll l-Artikolu 13(1) u (2) tal-ustawa z dnia 28 stycznia 2016 r. Prawo o prokuraturze (il-Liġi tat-28 ta' Jannar 2016 dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur) li fih huwa indikat li l-Ministru għall-Ġustizzja, li fl-istess waqt huwa wkoll il-Prosekutur Ġenerali u l-organu prinċipali tal-uffiċċju tal-prosekutur għandu dritt jagħti ordnijiet li jorbtu lill-prosekuturi ta' livell inferjuri anki fejn jillimitaw jew ifixklu l-applikazzjoni diretta tad-dritt tal-Unjoni?"

Fuq il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

47 Il-qorti tar-rinviju talbet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tissuġġetta din il-kawża għall-proċedura mħaffa prevista fl-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Permezz ta' digriet tat-8 ta' Novembru 2023, Barało (C-530/23, EU:C:2023:927), il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda, wara li nstemgħu l-Imħallef Relatriċi u l-Avukata Ġenerali, li jiċħad din it-talba.

Fuq id-domandi preliminari

48 Id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jirrigwardaw, essenzjalment, l-interpretazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2013/48 u 2016/1919. Permezz ta' dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju tfittex, prinċipalment, li tiddetermina l-portata tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u tad-dritt għal għajnuna legali ta' persuna vulnerabbli.

49 Madankollu, mistoqsijiet dwar diversi kunċetti tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll dwar diversi aspetti proċedurali, bħad-determinazzjoni tal-effett dirett ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2013/48 u 2016/1919 jew l-obbligu possibbli li jiġu stabbiliti rimedji li jimponu dawn id-direttivi, jiżdiedu mal-għan prinċipali tat-talba għal deċiżjoni preliminari u jikkoinċidu flimkien mal-formulazzjoni tad-diversi domandi preliminari.

50 Fid-dawl tal-mod kif dawn id-domandi kollha huma interkonnessi, għandhom jiġu eżaminati flimkien, fl-ewwel lok, l-ewwel sal-għaxar, it-tlettax u l-erbatax-il domanda, sa fejn dawn jikkonċernaw il-portata tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u tad-dritt għall-għajnuna legali ta' persuna vulnerabbli kif ukoll il-konsegwenzi ta' eventwali nuqqas ta' konformità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali mal-obbligi li jirriżultaw mid-Direttivi 2013/48 u 2016/1919, fit-tieni lok, it-tieni, l-għaxar u l-ħdax-il domanda, sa fejn jirrigwardaw ir-rekwiżit ta' rimedju effettiv fil-każ ta' ksur tad-drittijiet previsti taħt dawn id-direttivi u l-ammissibbiltà tal-provi, fit-tielet lok, it-tnax-il domanda, u fl-aħħar nett, fir-raba' lok, il-ħmistax-il domanda.

Fuq l-ewwel sal-għaxar, it-tlettax u l-erbatax-il domanda sa fejn dawn jikkonċernaw il-portata tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u tad-dritt għall-għajnuna legali ta' persuna vulnerabbli kif ukoll fuq il-konsegwenzi ta' eventwali nuqqas ta' konformità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali mal-obbligi li jirriżultaw mid-Direttivi 2013/48 u 2016/1919

51 Permezz tal-ewwel sal-għaxar, it-tlettax u l-erbatax-il domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(2), l-Artikolu 2(1)(b), l-Artikolu 4(5) u l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2016/1919, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(2)(a) sa (c) kif ukoll mal-Artikolu 3(3)(a) u (b) tad-Direttiva 2013/48, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri għandhom l-obbligu, minn naħa, jiżguraw li l-vulnerabbiltà ta' persuna akkużata jew suspettata tiġi identifikata u rrikonoxxuta qabel ma dik il-persuna tiġi interrogata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali jew qabel ma jkunu ttieħdu miżuri speċifiċi ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi fir-rigward tagħha u, min-naħa l-oħra, li jiġi żgurat li din ikollha aċċess għal avukat taħt il-benefiċċju tal-għajnuna legali għall-finijiet ta' tali proċeduri.

52 Permezz ta' dawn id-domandi, il-qorti tar-rinviju tindirizza diversi kwistjonijiet li għandhom jiġu eżaminati suċċessivament. Qabel kollox, għandhom jiġu ddeterminati l-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tad-Direttivi 2013/48 u 2016/1919 u l-mod kif dawn huma konnessi bejniethom. Sussegwentement, għandha tiġi evalwata l-portata tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u

tad-dritt għall-għajnuna legali ta' persuna vulnerabbli. Fl-aħħar nett, sabiex tingħata risposta kompleta lil din il-qorti, għandhom jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi ta' eventwali nuqqas ta' konformità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali mal-obbligi li jirriżultaw mid-Direttivi 2013/48 u 2016/1919.

Fuq il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tad-Direttivi 2013/48 u 2016/1919 kif ukoll ir-relazzjoni bejniethom

53 Mill-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2016/1919 jirriżulta espressament li din tikkompleta lid-Direttiva 2013/48, peress li d-dritt għall-għajnuna legali huwa marbut mal-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat. L-Artikolu 2(1)(a) sa (c) tad-Direttiva 2016/1919 jipprevedi, barra minn hekk, li din tapplika għall-persuni ssuspettati u għall-persuni akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali li jibbenefikaw mid-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat skont id-Direttiva 2013/48 u li huma, jew imċaħħda mil-libertà, obbligati li jkunu assistiti minn avukat skont id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt nazzjonali, jew obbligati jew awtorizzati jkunu preżenti għal ċerti miżuri investigattivi jew ta' ġbir ta' provi.

54 Issa, l-Artikolu 3(2)(a) sa (d) tad-Direttiva 2013/48 jistabbilixxi li l-persuni ssuspettati u l-persuni akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali għandhom, fi kwalunkwe każ, aċċess għal avukat f'erba' każijiet. Dan id-dritt għandu għalhekk jiġi ggarantit lilhom, l-ewwel nett, qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja, it-tieni nett, meta jitwettqu ċerti miżuri ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi, it-tielet nett, mingħajr dewmien indebitu wara li jkunu ġew imċaħħda mil-libertà jew, ir-raba' nett, fi żmien xieraq qabel id-dehra tagħhom quddiem qorti kompetenti.

55 Għaldaqstant, minn dawn id-diversi dispożizzjonijiet jirriżulta li s-seħħ tal-avvenimenti elenkati fl-Artikolu 3(2)(a) sa (d) tad-Direttiva 2013/48 jikkundizzjona mhux biss l-iskattar tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat iżda wkoll, fl-istess ħin, l-applikabbiltà tad-Direttiva 2016/1919 u d-dritt għall-għajnuna legali li hija tistabbilixxi.

56 Din il-konkomitanza fil-protezzjoni offruta minn dawn iż-żewġ direttivi tirriżulta wkoll mill-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2016/1919, li jimponi espressament fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw li l-għajnuna legali tingħata mingħajr dewmien żejjed u, mhux iktar tard minn qabel l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew qabel l-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) ta' din id-direttiva.

57 L-importanza ta' għoti bikri tal-għajnuna legali hija kkonfermata mill-premessa 24 tal-imsemmija direttiva. Minn dan jirriżulta li l-parteċipazzjoni temporanja tal-pulizija u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, matul il-proċedura għall-għoti ta' din l-għajnuna, għandha tkun possibbli meta din il-parteċipazzjoni tirriżulta neċessarja, f'sitwazzjonijiet urġenti, sabiex l-imsemmija għajnuna tingħata fi żmien xieraq.

58 L-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2016/1919 jimplimenta għalhekk l-għan imfittex minn din id-direttiva li huwa intiż, kif tiddikjara l-ewwel premessa tagħha, li tiġi ggarantita l-effettività tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat previst mid-Direttiva 2013/48, billi jippermetti lill-persuni ssuspettati u lill-persuni akkużati fil-kuntest tal-proċeduri kriminali jibbenefikaw mill-assistenza ta' avukat imħallas mill-Istati Membri.

59 Fil-fatt, id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat huwa prinċipju fundamentali li għandu jippermetti lill-persuni ssuspettati u lill-persuni akkużati jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom b'mod konkret u effettiv. Huwa għalhekk li dawn il-persuni ssuspettati u dawn il-persuni akkużati għandu jkollhom aċċess għal avukat mingħajr dewmien żejjed u, fi kwalunkwe każ, minn meta jseħħ l-ewwel wieħed mill-erba' avvenimenti speċifiċi elenkati fl-Artikolu 3(2)(a) sa (d) tad-Direttiva 2013/48, li fosthom hemm il-fatt li jiġu interrogati mill-pulizija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2024, Stachev, C-15/24 PPU, EU:C:2024:399, punti 47 u 48). Minn dan isegwi li, sabiex din l-assistenza tista' tkun effettiva, l-għajnuna legali għandha hija stess tingħata neċessarjament fi stadju bikri tal-proċedura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom, C-467/18, EU:C:2019:765, punt 50).

Fuq il-portata tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u tad-dritt għall-għajnuna legali ta' persuna vulnerabbli

60 Fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-persuni vulnerabbli, l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2013/48 u l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2016/1919 jimponu fuq l-Istati Membri, f'termini simili, li jiżguraw li meta jimplimentaw dawn id-direttivi jieħdu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni vulnerabbli li jkunu ssuspettati jew akkużati.

61 L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'dan ir-rigward, li l-persuni li jsofru minn mard mentali jaqgħu taħt il-kategorija ta' persuni vulnerabbli msemmija f'dan l-Artikolu 13 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom (C-467/18, EU:C:2019:765, punt 48). Peress li, kif indikat fil-punt53 tas-sentenza preżenti, id-Direttiva 2016/1919 tikkompleta lid-Direttiva 2013/48 u peress li dawn iż-żewġ direttivi għandhom l-għan komuni li jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni ssuspettati jew akkużati fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, il-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* rispettivi tagħhom ma jistax ikun differenti. Minn dan isegwi li l-persuni li jbatu minn disturbi mentali jagħmlu wkoll parti mill-kategorija ta' persuni vulnerabbli, fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2016/1919.

62 It-tieni nett, fir-rigward tal-allegat obbligu, għall-Istati Membri, li jistabbilixxu preżunzjoni ta' vulnerabbiltà fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, imsemmi mill-qorti tar-rinviju fit-tielet domanda tagħha, għandu jiġi kkonstatat li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma tax kjarifiki dwar il-portata tal-obbligu impost fuq l-Istati Membri skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2013/48 jew tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2016/1919. Għaldaqstant, minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet ma jistax jiġi dedott li l-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu, f'ċerti ċirkustanzi, preżunzjoni ta' vulnerabbiltà tal-persuna ssuspettata jew tal-persuna akkużata.

63 Huwa ċertament minnu li r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li l-qorti tar-rinviju ssemmi insostenn tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, tħeġġeġ lill-Istati Membri jipprevedu tali preżunzjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni li jkollhom disturbi psikiċi li jipprekluduhom milli jifhmu u milli jipparteċipaw effettivament fil-proċedura.

64 Madankollu, din ir-rakkomandazzjoni hija att mhux vinkolanti li ma jistax joħloq obbligi għall-Istati Membri. Dan huwa iktar u iktar il-każ fil-kuntest ta' armonizzazzjoni minima fejn l-abbozz ta' adozzjoni ta' test vinkolanti dwar il-garanziji partikolari għall-persuni ssuspettati jew għall-persuni akkużati li huma vulnerabbli, imfakkar fil-premessa 9 tad-Direttiva 2013/48 u fil-premessa 4 tad-Direttiva 2016/1919, ma ġiex ikkonkretizzat mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

65 B'dan premess, il-premessa 23 tad-Direttiva 2016/1919 tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw osservanza tal-Prinċipji u l-Linji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Aċċess għall-Għajnuna Legali fis-Sistemi tal-Ġustizzja Kriminali.

66 Issa, skont il-punt 23 ta' dawn il-Prinċipji u Linji Gwida, huma l-pulizija, il-prosekuturi u l-imħallfin li għandhom jiżguraw li l-persuni li jidhru quddiemhom li ma jkollhomx il-mezzi sabiex iħallsu avukat u/jew li jkunu vulnerabbli jibbenefikaw minn assistenza legali. Il-punt 32 tal-imsemmija Prinċipji u Linji Gwida jippreċiża wkoll li għandhom jittieħdu miżuri speċjali sabiex l-għajnuna legali tkun realment aċċessibbli għall-gruppi li għandhom bżonnijiet partikolari, b'mod partikolari l-persuni li jsofru minn mard mentali u l-persuni li jużaw id-droga.

67 Barra minn hekk, il-premessa 51 tad-Direttiva 2013/48 tipprovdi li kemm l-Uffiċċju tal-Prosekutur kif ukoll l-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandhom jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv, mill-persuni li jinsabu f'sitwazzjoni ta' dgħufija potenzjali, tad-drittijiet li tipprevedi din id-direttiva. Sabiex jagħmlu dan, huma għandhom, b'mod partikolari, hekk kif jirriżulta minn din il-premessa 51, jieħdu inkunsiderazzjoni kull vulnerabbiltà possibbli li taffettwa l-kapaċità tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u jieħdu l-miżuri xierqa sabiex jiggarantixxu l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet.

68 Minn dan isegwi li l-awtoritajiet investigattivi, jew kwalunkwe awtorità oħra responsabbli għall-infurzar tal-liġi, bħall-prosekuturi, għandhom jiżguraw li l-vulnerabbiltà ta' persuna ssuspettata jew ta' persuna akkużata tiġi identifikata u rrikonoxxuta qabel ma ssir l-interrogazzjoni ta' din il-persuna ssuspettata jew din il-persuna akkużata fil-kuntest ta' proċedura kriminali jew qabel ma jkunu ttieħdu miżuri speċifiċi ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi li jikkonċernawhom, sabiex dawn il-persuni, kif indikat fil-punt 59 tas-sentenza preżenti, jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom b'mod konkret u effettiv.

69 Barra minn hekk, mill-premessa 18 tad-Direttiva 2016/1919 jirriżulta li, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni vulnerabbli, talba għal għajnuna legali mressqa mill-persuna ssuspettata jew mill-persuna akkużata ma għandhiex tikkostitwixxi kundizzjoni sostantiva għall-għoti ta' din l-għajnuna.

70 Għalhekk jidher li, mingħajr ma jasal sabiex jistabbilixxi preżunzjoni ta' vulnerabbiltà fir-rigward tal-persuni ssuspettati jew akkużati, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma kellux l-intenzjoni li jissuġġetta l-għoti tal-għajnuna legali għal talba tal-persuna f'sitwazzjoni vulnerabbli.

71 It-tielet nett, l-għażla ta' Stat Membru li japplika, konformement mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2016/1919, kriterju ta' riżorsi sabiex jiġi ddeterminat jekk l-għajnuna legali għandhiex tingħata ma tistax iddewwem l-għoti ta' din l-għajnuna lil persuna vulnerabbli. Fil-fatt, hekk kif tiddikjara l-premessa 19 ta' din id-direttiva, l-awtoritajiet kompetenti li ma jkunux f'pożizzjoni li jagħtu l-imsemmija għajnuna lill-persuna kkonċernata qabel l-interrogazzjoni tagħha mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi, jew qabel l-eżekuzzjoni ta' miżuri speċifiċi ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi, għandhom jagħtu għajnuna legali urġenti jew provviżorja qabel tali interrogazzjoni jew qabel l-eżekuzzjoni ta' tali miżuri speċifiċi.

72 Minn dan isegwi li persuna vulnerabbli, bħal persuna li tbati minn disturbi mentali, għandha tingħata aċċess għas-servizzi ta' avukat taħt il-benefiċċju tal-għajnuna legali mingħajr dewmien żejjed u, mhux iktar tard minn qabel l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi, jew qabel l-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi li din il-persuna tkun obbligata jew awtorizzata tipparteċipa fihom.

Fuq il-konsegwenzi ta' eventwali nuqqas ta' konformità ta' leġiżlazzjoni nazzjonali mal-obbligi li jirriżultaw mid-Direttivi 2013/48 u 2016/1919

73 Fil-każ ineżami, mill-indikazzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali, b'mod partikolari l-punti 3 u 4 tal-Artikolu 79(1) tal-KPK, jipprevedu l-assistenza obbligatorja ta' avukat jekk ikun jeżisti dubju ġġustifikat dwar l-assenza jew il-bidla sinjifikattiva fil-ġudizzju tal-persuna akkużata jew tal-kontroll tal-atti tagħha waqt it-twettiq tar-reat, jew dwar il-kapaċità li s-saħħa mentali tagħha tippermettilha tipparteċipa fil-proċeduri jew li tieħu ħsieb id-difiża tagħha b'mod indipendenti u raġonevoli. Skont l-Artikolu 301 tal-KPK, persuna ssuspettata għandha tiġi interrogata wkoll fil-preżenza tal-avukat maħtur meta hija titlob dan, iżda l-assenza ta' dan tal-aħħar ma tipprekludix l-interrogazzjoni.

74 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' tali dispożizzjonijiet mal-Artikolu 3(2) u (3) tad-Direttiva 2013/48 kif ukoll mal-Artikolu 1(2), mal-Artikolu 2(1)(b), mal-Artikolu 4(5) u mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2016/1919. Din il-qorti tistaqsi, barra minn hekk, jekk l-awtoritajiet investigattivi, il-qrati jew kwalunkwe korp ieħor tal-Istat għandhomx iwarrbu d-dispożizzjonijiet nazzjonali li huma inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u jissostitwixxuhom bid-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 2013/48 u 2016/1919 li għandhom effett dirett.

75 F'dan ir-rigward, fil-kuntest tat-tqassim tal-funzjonijiet bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali li huwa l-bażi tal-Artikolu 267 TFUE, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali jew li tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' miżura nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Frar 1977, Benedetti, 52/76, EU:C:1977:16, punt 25; tal-21 ta' Jannar 1993, Deutsche Shell, C-188/91, EU:C:1993:24, punt 27, u tal-15 ta' Ottubru 2024, KUBERA, C-144/23, EU:C:2024:881, punt 53).

76 Hija għalhekk il-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali ċċitati iktar 'il fuq humiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. B'dan premess, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti lil dik il-qorti ċerti indikazzjonijiet utli fid-dawl tal-elementi li jinsabu fid-deċiżjoni tar-rinviju (sentenzi tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid tal-proċedura magħluqa permezz ta' deċiżjoni definittiva), C-582/21, EU:C:2024:282, punt 64, u tal-15 ta' Ottubru 2024, KUBERA, C-144/23, EU:C:2024:881, punt 53).

77 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li, sabiex tiġi ggarantita l-effettività tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan id-dritt, il-prinċipju ta' supremazija jimponi, b'mod partikolari, fuq il-qrati nazzjonali l-obbligu li jinterpretaw id-dritt intern tagħhom, sa fejn ikun possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tal-att tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni sabiex tintlaħaq soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, EU:C:2004:584, punt 119; tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski, C-579/15, EU:C:2017:503, punt 31, kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2024, M.S. *et* (Drittijiet proċedurali tal-minuri), C-603/22, EU:C:2024:685, punt 116).

78 L-obbligu ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt nazzjonali għadu madankollu ċerti limiti u ma jistax, b'mod partikolari, jservi bħala bażi għal interpretazzjoni *contra legem* tad-dritt nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2017, Popławski, C-579/15, EU:C:2017:503, punt 33, kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2024, M.S. *et* (Drittijiet proċedurali tal-minuri), C-603/22, EU:C:2024:685, punt 117).

79 Fin-nuqqas ta' interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, il-prinċipju ta' supremazija jimponi għalhekk fuq il-qorti nazzjonali l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ tar-rekwiżiti ta' dan id-dritt fit-tilwima li jkollha quddiemha. Sabiex tagħmel dan, dik il-qorti għandha tħalli, jekk ikun meħtieġ, mhux applikata, fuq inizjattiva tagħha stess, Kwalunkwe leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali, anki sussegwenti, li tkun kuntrarja għal dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li għandha effett dirett, mingħajr ma jkollha għalfejn titlob jew tistenna l-eliminazzjoni minn qabel ta' din il-leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali permezz ta' proċedura leġiżlattiva jew permezz ta' kwalunkwe proċedura kostituzzjonali oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2024, M.S. *et* (Drittijiet proċedurali tal-minuri), C-603/22, EU:C:2024:685, punt 118).

80 Fil-fatt, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma obbligati jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi direttament ikkonċernati jisiltu minn dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tidher, mill-perspettiva tal-kontenut tagħha, inkundizzjonata u suffiċjentement preċiża (ara, b'analoġija, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2019, Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland *et*, C-197/18, EU:C:2019:824, punt 32, kif ukoll tad-19 ta' Mejju 2022, Spetsializirana prokuratura (Proċess ta' akkużat maħrub), C-569/20, EU:C:2022:401, punt 28).

81 F'din il-perspettiva, fin-nuqqas ta' miżuri ta' implimentazzjoni adottati fit-termini previsti jew fil-każ ta' traspożizzjoni inkorretta ta' direttiva, huma l-qrati nazzjonali kif ukoll il-korpi kollha tal-Istat li għandhom jiżguraw din l-osservanza. Fil-fatt, bħall-qorti nazzjonali, dawn il-korpi, li fosthom hemm l-awtoritajiet responsabbli għall-infurzar tal-liġi, bħall-pulizija u l-Uffiċċju tal-prosekutur, għandhom l-obbligu, minn naħa, li jwarrbu kull dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi ta' direttiva u, min-naħa l-oħra, li japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet sa fejn huma ta' natura li jiddefinixxu drittijiet li l-individwi jistgħu jinvokaw fir-rigward tal-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Jannar 1982, Becker, 8/81, EU:C:1982:7, punt 25; tat-22 ta' Ġunju 1989, Costanzo, 103/88, EU:C:1989:256, punti 30 u 31; tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et*, C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428, punt 11, kif ukoll tal-20 ta' April 2023, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (Commune de Ginosa), C-348/22, EU:C:2023:301, punt 77).

82 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija fil-punt 74 tas-sentenza preżenti, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni hija, minn naħa, inkundizzjonata meta din tistabbilixxi obbligu li ma huwa kkwalifikat b'ebda kundizzjoni u lanqas ma huwa suġġett, fl-implimentazzjoni jew fl-effetti tiegħu, għall-intervent ta' ebda att kemm tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kif ukoll tal-Istati Membri, minbarra l-att li jittrasponih fid-dritt nazzjonali u, min-naħa l-oħra, suffiċjentement preċiż sabiex jiġi invokat minn parti fil-kawża u applikat mill-qorti meta din tistabbilixxi obbligu f'termini inekwivoċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' April 1968, Molkerei-Zentrale Westfalen vs Lippe, 28/67, EU:C:1968:17, p. 226; tat-8 ta' Marzu 2022, Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld (Effett dirett), C-205/20, EU:C:2022:168, punt 18, u tal-1 ta' Awwissu 2022, TL (Assenza ta' interpretu u ta' traduzzjoni), C-242/22 PPU, EU:C:2022:611, punt 50).

83 Minbarra dan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, anki jekk direttiva tħalli lill-Istati Membri ċerta marġni ta' diskrezzjoni meta jadottaw il-modalitajiet tal-implimentazzjoni tagħha, dispożizzjoni ta' din id-direttiva tista' titqies bħala li għandha natura inkundizzjonata u preċiża jekk timponi fuq l-Istati Membri, f'termini inekwivokabbli, obbligu ta' riżultat preċiż u li ma jinkludi ebda kundizzjoni rigward l-applikazzjoni tar-regola li din tistabbilixxi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Marzu 2022, Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld (Effett dirett), C-205/20, EU:C:2022:168, punt 19, u tal-1 ta' Awwissu 2022, TL (Assenza ta' interpretu u ta' traduzzjoni), C-242/22 PPU, EU:C:2022:611, punt 51). L-essenzjali, f'dan ir-rigward, huwa li l-marġni ta'

diskrezzjoni mogħti lill-Istati Membri mid-direttiva kkonċernata ma jipprekludix li jiġi ddeterminat il-kontenut ta' protezzjoni minima jew il-garanzija minima li għandhom jibbenefikaw minnhom il-persuni koperti minn din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori, C-91/92, EU:C:1994:292, punt 17, u tal-20 ta' April 2023, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato (Commune de Ginosa), C-348/22, EU:C:2023:301, punt 65).

84 F'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, il-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/48, minn naħa, mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva jirriżulta li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati għandhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed u, fi kwalunkwe każ, mhux iktar tard minn meta jseħħ l-ewwel wieħed mill-erba' avvenimenti msemmija suċċessivament fil-punti (a) sa (d) ta' din id-dispożizzjoni. Għaldaqstant, din għandha effett dirett, sa fejn timponi fuq l-Istati Membri, f'termini inekwivoċi, l-obbligu li jiggarantixxu l-aċċess għal avukat meta jseħħu avvenimenti speċifiċi, mingħajr ma dawn l-Istati jkollhom kwalunkwe marġni ta' diskrezzjoni jew ma jkunu jistgħu jissuġġettaw dan l-obbligu għal kwalunkwe kundizzjoni u mingħajr ma jkun neċessarju intervent ta' att tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

85 Billi jistabbilixxi l-elementi li jikkostitwixxu dan id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat, l-Artikolu 3(3) tal-imsemmija direttiva jibbenefika wkoll minn effett dirett, peress li jippreskrivi, b'mod inkundizzjonat u suffiċjentement preċiż, kontenut ta' protezzjoni minima favur il-persuni ssuspettati jew akkużati.

86 It-tieni nett, l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2016/1919 jistabbilixxi, huwa wkoll, obbligu identifikat b'mod ċar u li t-twettiq tiegħu huwa ddefinit b'mod inkundizzjonat.

87 Fil-fatt, skont il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, l-għajnuna legali għandha tingħata lill-persuni ssuspettati u lill-persuni akkużati mingħajr dewmien żejjed u, mhux iktar tard minn qabel l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità ta' infurzar tal-liġi jew qabel l-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi msemmija fl-Artikolu 2(1)(c) ta' din id-direttiva.

88 Minn dan isegwi li, għalkemm, konformement mal-Artikolu 4(2) tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li japplikaw kriterju ta' riżorsi jew kriterju ta' fondatezza, jew saħansitra t-tnejn, sabiex jiddeterminaw jekk l-għajnuna legali għandhiex tingħata, dan il-marġni ta' diskrezzjoni ma jistax ikollu effett fuq il-mument li fih din l-għajnuna għandha tingħata, peress li dan huwa limitat mill-indikazzjoni ta' limitu *ratione temporis* speċifikat fl-Artikolu 4(5) tal-istess direttiva.

89 It-tielet nett, fir-rigward tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2016/1919, billi tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni vulnerabbli, li jkunu ssuspettati jew akkużati, jittieħdu inkunsiderazzjoni, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi obbligu, għall-Istati Membri, li jilħqu riżultat preċiż u li ma huwa akkumpanjat minn ebda kundizzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regola li hija tistabbilixxi.

90 Fil-fatt, il-marġni ta' diskrezzjoni rrikonoxxut lill-Istati Membri, sabiex jiddefinixxu l-mod kif il-bżonnijiet speċifiċi tal-persuni ssuspettati jew tal-persuni akkużati li jkunu jinsabu f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà partikolari għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, huwa limitat mill-obbligu ta' dawn l-Istati Membri, stabbilit b'mod ġenerali u f'termini inekwivokabbli mill-istess dispożizzjoni, li jiżguraw, waqt din l-implimentazzjoni, teħid inkunsiderazzjoni speċifiku ta' dawn il-persuni.

91 Mill-motivi kollha preċedenti jirriżulta li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tinterpreta, sa fejn huwa possibbli, id-dispożizzjonijiet nazzjonali, imsemmija b'mod partikolari fil-punt 73 tas-sentenza preżent, b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni sabiex tiżgura l-effettività sħiħa tagħhom. Jekk ma tkunx tista' twettaq tali interpretazzjoni, hija jkollha twarrab, fuq inizjattiva tagħha stess, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jidhru li huma inkompatibbli mal-Artikolu 3(2) u (3) tad-Direttiva 2013/48 kif ukoll mal-Artikolu 4(5) u mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2016/1919 u tapplika l-imsemmija dispożizzjonijiet ta' dawn id-direttivi, peress li l-obbligi li huma jistabbilixxu huma imposti fuq il-korpi kollha tal-Istati Membri, fosthom l-awtoritajiet ta' infurzar tal-liġi, bħall-pulizija u l-Uffiċċju tal-Prosekutur.

Konklużjoni dwar l-ewwel sal-għaxar, it-tlettax u l-erbatax-il domanda

92 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, ir-risposta għall-ewwel sal-għaxar, it-tlettax u l-erbatax-il domanda tagħha, għandha tkun li l-Artikolu 2(1)(b), l-Artikolu 4(5) u l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2016/1919, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(2)(a) sa (c) kif ukoll mal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2013/48, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istati Membri għandhom l-obbligu, minn naħa, jiżguraw li l-vulnerabbiltà ta' persuna akkużata jew ta' persuna suspettata tiġi identifikata u rrikonoxxuta qabel ma dik il-persuna tiġi interrogata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali jew qabel ma jkunu ttieħdu miżuri speċifiċi ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi fir-rigward tagħhom u, min-naħa l-oħra, li jiġi żgurat li dawn ikollhom aċċess għal avukat taħt il-benefiċċju tal-għajnuna legali għall-finijiet ta' tali proċeduri mingħajr dewmien żejjed u, mhux iktar tard minn qabel l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi, jew qabel l-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi li l-imsemmija persuna tkun obbligata jew awtorizzata tipparteċipa fihom.

Fuq it-tieni, l-għaxar, il-ħdax u t-tlettax-il domanda sa fejn jirrigwardaw ir-rekwiżit ta' rimedju effettiv u fuq l-ammissibbiltà tal-provi

93 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fil-formulazzjoni tal-ħdax-il domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tirreferi għall-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/1919 u mhux għall-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48. Madankollu, din il-qorti tirreferi għal din l-aħħar dispożizzjoni fil-motivazzjoni tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, peress li ż-żewġ artikoli jirrigwardaw ir-rimedji ġudizzjarji u huma redatti bi kliem simili.

94 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jinftiehem li, permezz tat-tieni, tal-għaxar, tal-ħdax u tat-tlettax-il domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/1919 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jimponu li d-deċiżjonijiet dwar, minn naħa, l-eżami tal-vulnerabbiltà eventwali ta' persuna ssuspettata jew ta' persuna akkużata u, min-naħa l-oħra, ir-rifjut li tingħata l-għajnuna legali lil persuna vulnerabbli u l-għażla li din il-persuna tiġi interrogata fl-assenza ta' avukat, għandhom ikunu motivati u jistgħu jkunu s-suġġett ta' rimedju effettiv. Barra minn hekk, din il-qorti tistaqsi jekk dawn l-istess dispożizzjonijiet għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, ma tippermettix lil qorti tiddikjara bħala inammissibbli provi inkriminanti bbażati fuq dikjarazzjonijiet magħmula minn persuna vulnerabbli matul interrogazzjoni mmexxija mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi bi ksur tad-drittijiet previsti mid-Direttivi 2013/48 jew 2016/1919.

95 F'dan ir-rigward, qabel kollox, mill-formulazzjoni stess tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48 u tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/1919 jirriżulta li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati għandu jkollhom rimedju ġudizzjarju effettiv, konformement mad-dritt nazzjonali, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet previsti taħt l-imsemmija direttivi.

96 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw ir-rispett tad-dritt għal smigħ xieraq u tad-drittijiet tad-difiża, stabbiliti fl-Artikolu 47 u fl-Artikolu 48(2) tal-Karta rispettivament, billi jipprevedu rimedju ġudizzjarju effettiv li jippermetti lil kull persuna ssuspettata jew lil kull persuna akkużata tadixxi qorti inkarigata b'li teżamina jekk id-drittijiet li hija tislet mid-Direttiva 2013/48 ġewx miksura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Rayonna prokuratura Lovech, teritorialno otdelenie Lukovit (Tfittixa fiżika), C-209/22, EU:C:2023:634, punt 51).

97 L-istess interpretazzjoni tapplika fir-rigward tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/1919. Fil-fatt, l-għoti ta' għajnuna legali huwa aspett tad-dritt għal rimedju effettiv li huwa espressament iggarantit fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, peress li l-għan ta' din id-direttiva huwa li tiġi ggarantita l-effettività tad-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat previst mid-Direttiva 2013/48. Permezz tal-azzjoni konġunta tagħhom, dawn iż-żewġ direttivi jikkontribwixxu għalhekk għat-twettiq tad-dritt għal rimedju effettiv stabbilit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta peress li l-għoti ta' għajnuna legali jiffaċilita d-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023, K.B. u F.S. (Konstatazzjoni *ex officio* fil-qasam kriminali), C-660/21, EU:C:2023:498, punt 44).

98 Minn dan isegwi li l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/1919 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu kull miżura nazzjonali li tostakola l-eżerċizzju ta' rimedji effettivi fil-każ ta' ksur tad-drittijiet li dawn id-direttivi jimplimentaw (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2019, Rayonna prokuratura Lom, C-467/18, EU:C:2019:765, punti 57 u 58, kif ukoll tat-22 ta' Ġunju 2023, K.B. u F.S. (Konstatazzjoni *ex officio* fil-qasam kriminali), C-660/21, EU:C:2023:498, punt 37).

99 Sussegwentement, għandu jiġi ppreċiżat li l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta ma jimponux fuq l-Istati Membri l-obbligu li joħolqu rimedji awtonomi li l-persuni ssuspettati jew il-persuni akkużati jistgħu jippreżentaw sabiex jiddefendu d-drittijiet mogħtija lilhom mill-imsemmija direttivi. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt tal-Unjoni, inklużi d-dispożizzjonijiet tal-Karta, ma għandux l-effett li jġiegħel lill-Istati Membri jistabbilixxu rimedji ġuridiċi differenti minn dawk stabbiliti mid-dritt intern, sakemm, madankollu, mill-istruttura tal-ordinament ġuridiku nazzjonali inkwistjoni ma jirriżultax li ma jeżisti ebda rimedju ġudizzjarju li jippermetti, anki jekk b'mod inċidentali, li jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet li l-partijiet f'kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet, C-432/05, EU:C:2007:163, punt 71; tal-21 ta' Diċembru 2021, Randstad Italia, C-497/20, EU:C:2021:1037, punt 62; u tas-7 ta' Settembru 2023, Rayonna prokuratura Lovech, teritorialno otdelenie Lukovit (Tfittxija fiżika), C-209/22, EU:C:2023:634, punt 54).

100 F'dan ir-rigward, għandu jingħad ukoll li l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2013/48 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/1919 jipprovdu li d-dritt li jiġi kkonstatat l-eventwali ksur tad-drittijiet mogħtija minn dawn id-direttivi jingħata konformement mal-"liġi nazzjonali", filwaqt li l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2013/48 jippreċiża li l-ammissibbiltà tal-provi tibqa' taqa' taħt ir-regoli u s-sistemi nazzjonali.

101 L-imsemmija dispożizzjonijiet ma jiddeterminawx il-modalitajiet li skonthom għandu jkun jista' jiġi allegat il-ksur ta' dawn id-drittijiet u għaldaqstant iħallu lill-Istati Membri ċertu marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddeterminaw il-proċeduri speċifiċi li jkunu applikabbli f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Settembru 2023, Rayonna prokuratura Lovech, teritorialno otdelenie Lukovit (Tfittxija fiżika), C-209/22, EU:C:2023:634, punt 52), bla ħsara, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2013/48, għar-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tal-ekwità tal-proċedura waqt l-evalwazzjoni tad-dikjarazzjonijiet magħmula minn persuni ssuspettati jew minn persuni akkużati jew tal-provi miksuba bi ksur tad-dritt tagħhom għal avukat.

102 Għaldaqstant, xejn f'dawn id-direttivi ma jobbliga lill-qorti nazzjonali twarrab awtomatikament il-provi kollha miksuba bi ksur tad-drittijiet mogħtija mid-Direttivi 2013/48 u 2016/1919. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, kif jirriżulta mill-premessi 50 u 53 tal-ewwel waħda minn dawn id-direttivi kif ukoll mill-premessi 17 u 30 tat-tieni waħda, meta jiġi kkonstatat difett proċedurali, huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw jekk dan id-difett ġiex irrimedjat matul il-proċedura li segwiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Mejju 2024, Stachev, C-15/24 PPU, EU:C:2024:399, punt 96).

103 Għaldaqstant, fil-każ li provi jkunu nġabru bi ksur tar-rekwiżiti tal-imsemmija direttivi, għandu jiġi ddeterminat jekk, minkejja din il-lakuna, fil-mument li l-qorti adita jkollha tagħti deċiżjoni, il-proċeduri kriminali fl-intier tagħhom jistgħux jitqiesu bħala ġusti, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni sensiela ta' fatturi li fosthom hemm il-punt dwar jekk id-dikjarazzjonijiet miġbura fl-assenza ta' avukat humiex parti integrali jew sinjifikattiva mid-dokumenti inkriminanti, kif ukoll is-saħħa tal-elementi l-oħra tal-proċess (sentenza tal-14 ta' Mejju 2024, Stachev, C-15/24 PPU, EU:C:2024:399, punt 97).

104 Minn dan isegwi li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix fuq l-Istati Membri li jipprovdu l-possibbiltà għal qorti li tiddikjara bħala inammissibbli provi inkriminanti bbażati fuq dikjarazzjonijiet magħmula minn persuna vulnerabbli matul interrogazzjoni mmexxija mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi bi ksur tad-drittijiet previsti mid-Direttivi 2013/48 jew 2016/1919, bil-kundizzjoni madankollu li, fil-kuntest tal-proċess kriminali, din il-qorti tkun f'pożizzjoni tivverifika li dawn id-drittijiet, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 u tal-Artikolu 48(2) tal-Karta, ikunu ġew irrispettati u, li tislet il-konsegwenzi li jirriżultaw minn dan il-ksur, b'mod partikolari fir-rigward tal-valur probatorju tal-provi miksuba f'dawn il-kundizzjonijiet (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2024, M.S. *et* (Drittijiet proċedurali tal-minuri), C-603/22, EU:C:2024:685, punt 174).

105 Fl-aħħar nett, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, meta l-Istati Membri jimplimentaw id-Direttivi 2013/48 u 2016/1919, huma għandhom jiżguraw l-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw kemm mid-dritt għal rimedju effettiv u mid-dritt għal smigħ xieraq stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll mid-drittijiet tad-difiża stabbiliti fl-Artikolu 48(2) tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023, K.B. u F.S. (Konstatazzjoni *ex officio* fil-qasam kriminali), C-660/21, EU:C:2023:498, punt 40).

106 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, il-komunikazzjoni tal-motivi hija aspett tad-dritt għal rimedju effettiv sa fejn tippermetti li jiġi żgurat stħarriġ ġudizzjarju effettiv. Barra minn hekk, sabiex persuna ssuspettata jew akkużata tkun tista' tiddefendi d-drittijiet mogħtija lilha minn dawn id-direttivi fl-aħjar kundizzjonijiet u tiddeċiedi, b'għarfien sħiħ tal-fatti, jekk huwiex utli għaliha li tippreżenta rikors ġudizzjarju, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha l-obbligu li tinformaha

bir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata r-rifjut tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Ottubru 1987, Heylens *et*, 222/86, EU:C:1987:442, punt 15, kif ukoll tas-17 ta' Marzu 2011, Peñarroja Fa, C-372/09 u C-373/09, EU:C:2011:156, punt 63).

107 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/1919 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jimponu li d-deċiżjonijiet dwar, minn naħa, l-eżami tal-vulnerabbiltà eventwali ta' persuna ssuspettata jew ta' persuna akkużata u, min-naħa l-oħra, ir-rifjut li tingħata l-għajnuna legali lil persuna vulnerabbli u l-għażla li din il-persuna tiġi interrogata fl-assenza ta' avukat, għandhom ikunu motivati u jistgħu jkunu s-suġġett ta' rimedju effettiv.

108 Mill-banda l-oħra, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludux legiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, ma tippermettix lil qorti tiddikjara bħala inammissibbli provi inkriminanti bbażati fuq dikjarazzjonijiet magħmula minn persuna vulnerabbli matul interrogazzjoni mmexxija mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi bi ksur tad-drittijiet previsti mid-Direttivi 2013/48 jew 2016/1919, bil-kundizzjoni madankollu li, fil-kuntest tal-proċeduri kriminali, din il-qorti tkun f'pożizzjoni, minn naħa, li tivverifika li dawn id-drittjiet, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 u tal-Artikolu 48(2) tal-Karta, ikunu ġew irrispettati u, min-naħa l-oħra, li tislet il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn dan il-ksur, b'mod partikolari fir-rigward tal-valur probatorju tal-provi miksuba f'dawn il-kundizzjonijiet.

Fuq it-tnax-il domanda

109 Permezz tat-tnax-il domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-interrogazzjoni ta' persuna ssuspettata, imwettqa fl-isptar psikjatriku li fih tinsab din il-persuna ssuspettata, mingħajr ma din tal-aħħar tkun assistita minn avukat u mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ta' inċertezza tal-imsemmija persuna ssuspettata, f'kundizzjonijiet ta' libertà ta' espressjoni partikolarment limitata u ta' fraġilità psikika speċifika, tikkostitwixxix trattament inuman fis-sens, b'mod partikolari, tal-Artikolu 4 tal-Karta.

110 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li n-neċessità li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti tar-rinviju teżiġi li din tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula minnha jew li, tal-inqas, tispjega l-ipoteżijiet fattwali li fuqhom ikunu bbażati dawn id-domandi Barra minn hekk, din il-qorti għandha tindika r-raġunijiet preċiżi li jkunu wassluha sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u sabiex tqis neċessarju li tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 1993, Telemarsicabruzzo *et*, C-320/90 sa C-322/90, EU:C:1993:26, punt 6; tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, C-42/07, EU:C:2009:519, punt 40, kif ukoll tad-29 ta' Lulju 2024, LivaNova, C-713/22, EU:C:2024:642, punt 54).

111 Hekk kif jistabbilixxi l-Artikolu 94(a) u (c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, talba għal deċiżjoni preliminari għandha tinkludi, b'mod partikolari, espożizzjoni fil-qosor tal-fatti rilevanti, jew, tal-inqas, espożizzjoni tal-informazzjoni fattwali li fuqha jkunu bbażati d-domandi, kif ukoll espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u r-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali.

112 Fil-każ ineżami, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma tinkludi ebda informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet li fihom saret l-interrogazzjoni ta' K.P. f'ambjent ta' sptar. Din it-talba lanqas ma tippermetti li wieħed jifhem kif risposta għat-tnax-il domanda hija neċessarja sabiex tippermetti lill-qorti tar-rinviju tiddeċiedi l-kawża prinċipali.

113 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tnax-il domanda hija inammissibbli.

Fuq il-ħmistax-il domanda

114 Permezz tal-ħmistax-il domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-Uffiċċju tal-Prosekutur huwa direttament dipendenti fuq korp eżekuttiv u, fl-affermattiv, jekk, matul il-fażi ta' qabel il-proċess kriminali, il-prosekutur għandux iħalli mhux applikati d-dispożizzjonijiet ta' tali leġiżlazzjoni.

115 Fil-każ ineżami, mill-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju jirriżulta li, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, il-fażi ta' qabel il-proċess kriminali ntemmet. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kwistjoni dwar jekk, fil-kuntest ta' din il-fażi, il-Prosekutur għandux l-obbligu li ma jħalli mhux applikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni sabiex tiġi ggarantita l-effettività tad-drittijiet ta' dawn il-persuni, ma hijiex intiża għalhekk sabiex jiġi interpretat id-dritt tal-Unjoni għall-bżonnijiet oġġettivi tas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali, iżda hija ta' natura ġenerali u ipotetika.

116 Issa, hija ġurisprudenza stabbilita li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE tikkostitwixxi strument ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tiegħu tal-ewwel tagħti lil tat-tieni l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni meħtieġa minnhom għas-soluzzjoni tat-tilwimiet li huma jkunu ntalbu jiddeċiedu u li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari ma jkunx iġġustifikat għaliex jippermetti li jingħataw opinjonijiet konsultattivi dwar kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi, iżda għaliex ikun meħtieġ għas-soluzzjoni effettiva ta' tilwima (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1981, Foglia, 244/80, EU:C:1981:302, punt 18; tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi, C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punt 33; tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny, C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 44, kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2024, M.S. *et* (Drittijiet proċedurali tal-minuri), C-603/22, EU:C:2024:685, punt 75).

117 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ħmistax-il domanda hija inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

118 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2(1)(b), l-Artikolu 4(5) u l-Artikolu 9 tad-Direttiva(UE) 2016/1919 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar għajnuna legali għal persuni ssuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali u għal persuni rikjesti fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(2)(a) sa**

(c), kif ukoll mal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal-libertà,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

l-Istati Membri għandhom l-obbligu, minn naħa, jiżguraw li l-vulnerabbiltà ta' persuna akkużata jew ta' persuna suspettata tiġi identifikata u rrikonoxxuta qabel ma dik il-persuna tiġi interrogata fil-kuntest ta' proċeduri kriminali jew qabel ma jkunu ttieħdu miżuri speċifiċi ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi fir-rigward tagħha u, min-naħa l-oħra, li jiġi żgurat li dawn ikollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat taħt il-benefiċċju tal-għajnuna legali għall-finijiet ta' tali proċeduri mingħajr dewmien żejjed u, mhux iktar tard minn qabel l-interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi, jew qabel l-eżekuzzjoni tal-miżuri ta' investigazzjoni jew ta' ġbir ta' provi li l-imsemmija persuna tkun obbligata jew awtorizzata tipparteċipa fihom.

2) L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/48 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2016/1919

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jimponu li d-deċiżjonijiet dwar, minn naħa, l-eżami tal-vulnerabbiltà possibbli ta' persuna ssuspettata jew ta' persuna akkużata u, min-naħa l-oħra, ir-rifjut li tingħata l-għajnuna legali lil persuna vulnerabbli u l-għażla li din il-persuna tiġi interrogata fl-assenza ta' avukat, għandhom ikunu motivati u jistgħu jkunu s-suġġett ta' rimedju effettiv.

Mill-banda l-oħra, dawn id-dispożizzjonijiet ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali, ma tippermettix lil qorti tiddikjara bħala inammissibbli provi inkriminanti bbażati fuq dikjarazzjonijiet magħmula minn persuna vulnerabbli matul interrogazzjoni mmexxija mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi bi ksur tad-drittijiet previsti mid-Direttivi 2013/48 jew 2016/1919, bil-kundizzjoni madankollu li, fil-kuntest tal-proċess kriminali, din il-qorti tkun f'pożizzjoni, minn naħa, li tivverifika li dan id-drittjiet, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 u tal-Artikolu 48(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ikunu ġew rrispettat u, min-naħa l-oħra, li tislet il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn dan il-ksur, b'mod partikolari fir-rigward tal-valur probatorju tal-provi miksuba f'dawn il-kundizzjonijiet.

Firem